# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 15 ta' Novembru, 2023.**

**Numru 54**

**Rikors numru 60/15/2 JZM**

**Paul Buhagiar Company Limited (C–40715)**

**v.**

**Paul & Rocco (Gzira) Limited (C-2661), Victor Buhagiar u George Buhagiar**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell imressaq mill-kumpanija attriċi minn provvediment mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Settembru, 2017, (minn issa 'l hemm imsejħa "d-deċiżjoni appellata") li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-intimati u pprovdiet billi (i) sabet li jeżistu l-elementi mitluba mill-Artikolu 402(1) tal-Att dwar il-

Kumpaniji (Kap 386); (ii) għall-għanijiet tal-Artikolu 402(2) tal-istess Att (a) ordnat li ssir valutazzjoni tal-kumpanija intimata (minn issa 'l hemm imsejħa "P&R") kif kienet dakinhar billi: (a) ordnat lill-intimati Buhagiar biex, għall-għanijiet tal-imsemmija valutazzjoni, iressqu fir-Reġistru ta' dik il-Qorti fi żmien xahar minn dakinhar prospetti maħlufa minnhom it-tnejn tal-ġid kollu li għandha P&R u jieħdu ħsieb jinnotifikawhom lill-kumpanija rikorrenti (minn issa 'l hemm imsejħa "PBC") u lill-periti tekniċi maħtura fl-istess provvediment, (b) prospetti maħlufa minnhom it-tnejn tad-djun li sa dakinhar kellha P&R, notifikati wkoll kif ingħad qabel, (ċ) prospetti maħlufa minnhom it-tnejn tal-krediti li P&R kellha sa dakinhar, u notifikati kif ingħad qabel, (d) iressqu fi żmien tliet xhur minn dakinhar il-*full audit accounts* aġġornati sa dakinhar tal-provvediment ta' P&R u l-*management accounts* aġġornati sa dakinhar tal-imsemi provvediment. F'dan ir-rigward (e) ħatret lill-Perit Mario Cassar bħala perit tekniku biex jistma l-valur tal-ġid immobbli kollu ta' P&R, kif joħroġ mill-prospett maħluf imressaq mill-intimati, u dan fi żmien xahrejn minn meta l-imsemmi perit jasallu l-prospett maħluf tal-intimati, liema relazzjoni tinżamm mir-Reġistratur ta' dik il-Qorti u tkun rilaxxata biss lill-perit komputista li kellha taħtar fl-istess provvediment. (f) Ħatret lil Natalino Agius bħala perit tekniku biex jistma l-valur tal-ġid mobbli kollu li P&R kellha sa dakinhar kif joħroġ mill-prospett maħluf imressaq mill-intimati Buhagiar, u dan fi żmien xahrejn minn meta l-perit tekniku jasallu l-imsemmi prospett, liema relazzjoni tinżamm mir-Reġistratur ta' dik il-Qorti u tkun rilaxxata biss lill-

perit komputista minnha maħtur. (ġ) Ħatret lill-Awditur Michael Spiteri Bailey bħala l-perit komputista biex jistma l-valur li l-ishma ta' PBC f'P&R kienu jġibu dakinhar u (ħ) ordnat lill-partijiet biex jagħtu aċċess sħiħ u liberu lill-periti maħtura; (iii) ordnat lil PBC tbigħ u tittrasferixxi lill-intimati l-ishma kollha li hija kellha sa dakinhar f'P&R għall-valur stabbilit mill-perit komputista minnha maħtur; (iv) ordnat lil-intimati biex jixtru u jiksbu mingħand PBC l-ishma li hija kellha f'P&R bil-valur stmat mill-perit komputista; (v) ordnat li l-imsemmi bejgħ u trasferiment tal-imsemmija ishma kellu jsir fi żmien xahar minn dakinhar li l-partijiet ikunu laqgħu n-notifika tar-relazzjonijiet maħlufa tat-tliet periti minnha maħtura; (vi) ħatret lill-perit komputista minnha maħtur biex imexxi l-bejgħ tal-imsemmija ishma ta' P&R, u li jara li jkun iffirmat kull dokument meħtieġ u li jwettaq ir-reġistrazzjoni tal-imsemmi bejgħ mar-Reġistratur tal-Kumpaniji; (vii) ordnat li ma kellu jsir l-ebda bdil tal-Memorandu u tal-istatut ta' P&R sakemm iseħħ il-bejgħ u t-trasferiment tal-imsemmija ishma, u li jekk kemm-il darba jsir xi bdil sakemm ikun intemm il-proċess tal-bejgħ, dak il-bdil ma jkunx jiswa; (viii) ordnat li hekk kif iseħħ il-bejgħ tal-ishma, il-perit komputista minnha maħtur kellu jgħarraf lill-Qorti b'hekk billi jressaq nota fir-Reġistru ta' dik il-Qorti b'tagħrif dwar il-fatt li sar il-bejgħ tal-ishma, u d-data ta' meta jkun sar it-trasferiment tagħhom; (ix) ordnat li d-dispożizzjonijiet tal-provvediment li kienet qiegħda tagħti jkollhom saħħa aqwa minn kull dispożizzjoni li hemm fil-Memorandum u fl-istatut ta' P&R; (x) ordnat li, f'każ li l-partijiet jew min minnhom ma kinux se joqogħdu għal

dak li jgħid il-provvediment, kellu jsir ix-xoljiment u l-istralċ ta' P&R għall-għanijiet kollha tal-liġi b'seħħ minn dakinhar; (xi) fil-każ li kellu jsir ix-xoljiment u l-istralċ ta' P&R, ħatret lir-Riċevitur Uffiċjali bħala stralċjarju ta' P&B u tatu s-setgħat u għabbietu bid-dmirijiet kollha maħsuba fil-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta; (xii) ordnat lil P&R tħallas l-ispejjeż kollha tal-kawża, magħduda d-drittijiet tal-periti maħtura bis-saħħa ta' dak il-provvediment; u (xiii) fl-aħħarnett, ordnat in-notifika tal-provvediment lill-periti minnha maħtura, lir-Reġistratur tal-Qorti u lir-Riċevitur Uffiċjali;

2. Għar-raġunijiet li se jissemmew aktar 'il quddiem, mhux meħtieġ li l-Qorti tirriproduċi d-deċiżjoni appellata;

3. PBC ħassitha aggravata mill-imsemmija deċiżjoni appellata, u b'rikors imressaq minnha fis-16 ta' Ottubru, 2017, u għar-raġunijet hemm imsemmija, talbet lil din il-Qorti tirriformaha billi, filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti li sabet li hemm l-elementi maħsuba fl-Artikolu 402(1) tal-Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta' Malta u tħassarha għall-bqija, billi timponi rimedji alternattivi li din il-Qorti jistgħu jidhrulha xierqa u opportuni biex il-kumpanija P&R tkun tista' tibqa' mwaqqfa u mmexxija b'mod aħjar mill-kontendenti bis-sehem sħiħ ta' PBC u fl-aħjar interess tal-istess kontendenti, u dan taħt kull provvediment ulterjuri li din il-Qorti jkun jogħġobha timponi, u bl-ispejjeż kontra l-appellati;

4. L-intimati appellati laqgħu n-notifika tal-imsemmi Rikors tal-Appell fit-18 ta' Ġunju, 2017[1], imma ma ressqux Tweġiba għalih;

5. Dakinhar li l-appell tqiegħed għall-ewwel smigħ fl-1 ta' Ġunju, 2021[2] , il-partijiet talbu lill-Qorti tagħtihom differiment minħabba li kien hemm possibilità ta' transazzjoni. Il-Qorti laqgħetha dik it-talba;

6. B'rikors imressaq waqt is-smigħ tat-23 ta' Novembru, 2021[3], li miegħu hemm mehmuża kopja ta' ftehim ta' transazzjoni li sar bejn il-partijiet quddiem nutar pubbliku fis-sbatax (17) ta' Novembru, 2021[4], talbu li din il-Qorti tagħti s-sentenza tagħha dwar l-appell imressaq minn PBC fuq it-termini maqbula fl-istess transazzjoni;

7. Fid-dawl ta' dan l-iżvilupp, il-Qorti ma għandhiex għalfejn toqgħod tqis l-aggravji ta' PBC mid-deċiżjoni appellata;

8. Il-Qorti rat l-att imressaq mill-partijiet fil-qafas ta' dak li jipprovdu l-Artikoli 1718, 1723(2), 1725, 1726 u 1729 tal-Kodiċi Ċivili u ssib li twettqu l-ħtiġijiet tal-liġi biex dak miftiehem bejn il-partijiet ikollu s-saħħa ta' sentenza u jkun inkorporat fis-sentenza li qiegħda tingħata llum. Tqis ukoll li, kif dikjarat mill-partijiet fil-ftehim ta' transazzjoni, l-oġġett u l-

---

[1] Ara r-riferti f'paġ. 727 tal-proċess.
[2] Paġ. 733 tal-proċess.
[3] Paġ. 745 tal-proċess.
[4] Dok "A", f'paġ. 747 – 751 tal-proċess.

kwistjonijiet li jinsabu mniżżla fih jirrigwardaw id-deċiżjoni appellata u l-appell minnha mressaq;

**Deċide:**

9. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda tipprovdi dwar l-appell imressaq mill-kumpanija Paul Buhagiar Company Limited mill-provvediment mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Settembru, 2017, fil-kawża fl-ismijiet premessi billi:

(i) id-deċiżjoni appellata m'għandhiex, għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, tagħmel stat fil-konfront tagħhom, u għalhekk l-istess partijiet qegħdin reċiprokament jirrinunzjaw b'mod assolut u irrevokabbli għal kwalsiasi jeddijiet, azzjonijiet u pretensjonijiet imnissla mid-deċiżjoni appellata u li huma jista' jkollhom fil-konfront ta' xulxin minħabba fiha, magħdud, imma mhux biss, kwalsiasi jeddijiet, azzjonijiet jew pretensjonijiet marbuta mal-eżekuzzjoni tal-imsemmija deċiżjoni;

(ii) għalhekk, bi qbil u fuq dikjarazzjoni tal-partijiet, id-deċiżjoni appellata għandha titqies, għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, daqslikieku qatt ma ngħatat u għalhekk il-partijiet qegħdin jirrinunzjaw, b'mod assolut u irrevokabbli għal kwalsiasi jedd, azzjoni jew pretensjoni li huma jista' jkollhom fil-konfront ta' xulxin u li hija, jew tista'

tkun jew tista' tiġi konsidrata bħala mnissla minn kwalsiasi kap, dikjarazzjoni, ordni u / jew provvediment deċiż li jinsab fid-deċiżjoni appellata;

(iii) l-ispejjeż ġudizzjarji kollha, kemm tal-kawża mressqa minn Paul Buhagiar Company Limited, kif ukoll tad-deċiżjoni appellata u tal-appell imressaq minnha għandhom jitħallsu mill-kumpanija intimata Paul & Rocco (Gzira) Limited, filwaqt li l-intimati Victor Buhagiar u George Buhagiar iħallsu d-drittijiet u spejjeż *extra*-ġudizzjarji tal-avukati rispettivi tagħhom;

(iv) bil-wegħda u r-rabta reċiproka tal-partijiet li, b'seħħ minn dakinhar li ntlaħaq il-ftehim ta' tranżazzjoni, jikko-operaw bejniethom, bl-aħjar mod possibbli, fl-aħjar interess tal-kumpanija intimata Paul & Rocco (Gzira) Limited, bin-numru ta' reġistrazzjoni C-2661 u bl-uffiċċju reġistrat ġewwa Paul & Rocco Service Station, Triq l-Imsida, Gżira, Malta, u b'rispett tad-drittijiet u b'adeżjoni mal-obbligi tagħhom bħala diretturi u azzjonisti tal-imsemmija Paul & Rocco (Gzira) Limited;

(v) għall-għanijiet tal-Artikolu 1729 tal-Kodiċi Ċivili, il-ftehim ta' tranżazzjoni inkorporat f'din is-sentenza għandu jkollu s-saħħa ta' ġudikat bejniethom;

(vi) b'din is-sentenza l-partijiet jiddikjaraw li huma sodisfatti b'dak li qablu dwaru u li ma għad fadlilhom l-ebda pretensjoni kontra xulxin b'rabta mad-deċiżjoni appellata u mal-appell imressaq minnha;

(vii) tirreġistra d-dikjarazzjoni tal-partijiet li huma ttransiġew il-pendenzi tagħhom b'rieda ħielsa u bla ma kienu mġiegħlin taħt pressjoni minn xi ħadd minnhom jew minn xi terza persuna b'mod li seta' ivvizzja l-kunsens tagħhom; u

(viii) tirreġistra d-dikjarazzjoni li dak li l-partijiet qablu dwaru fil-ftehim ta' tranżazzjoni kien imfisser kif imiss lilhom mill-konsulenti legali rispettivi tagħhom u li jaqblu u jaċċettaw dak il-ftehim bla ebda riżerva.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm